MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 702/2004

**Mobisle Communications Limited**
**Vs**

**Hesham Gharz Eddin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta Marzu 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm295.47) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut in konnessjoni ma Client Contract numru 146316 dwar servizz lilu rez ghax-xhur bejn April 2003 u Gunju 2003.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 5 ta Dicembru 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta Jannar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta mitejn u hamsa u disghin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm295.47) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficcjali u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------